MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 89/2011

**A B f'isem binha minuri S J H u b'digriet tal-14 ta' Mejju 2012 A B giet nominata bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri S J H**

**vs**

**1. C T H**
**2. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-esponenti hija mizzewga lill-intimand C T H izda jinsabu mifrudin b'kuntratt in atti Nutar Robert Muscat tat-22 ta' Mejju 2008;

Illi fiz-zmien li kienu flimkien l-esponenti kellha zewgt itfal, fosthom S J H li twieled fil-15 ta' Mejju 2007 : Dok B;

Ili fil-fatt dan it-tifel tnissel minn relazzjoni extra-matrimonjali li l-esponenti kellha ma persuna mhux maghrufa tant li l-ezami tal-paternita eskluda li zewg l-esponenti – l-intimand C T H – jista' jkun il-missier ta' dan it-tifel : Dok C;

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li l-missier S J H twieled minn relazzjoni extra-maritali u ma kienx generat minn C T H;
2. (i) Fid-Dok B, fil-kolonna "Taghrif dwar it-tarbija" fil-kaxxa "isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" il-kunjom H ghandu jitnehha u minfloku jitnizzel il-kunjom B;
(ii) Fl-istess dokument, fil-kolonna "Taghrif dwar missier it-tarbija" fil-kaxxi :
a) "isem u kunjom";
b) "id-dokument tal-identita"
c) "eta"
d) "fejn i) twieldu u ii) joqghodu"
e) "isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet"
ghandhom jithassru il-konnotati kollha ta' C T H u missieru, u minflok, fil-kaxxa a) "isem u kunjom" jitnizzlu il-kliem "missier mhux maghruf";
(iii) fl-istess document, fil-kolonna "Taghrif dwar l-omm" fil-kaxxa a) "isem u kunjom" jitnehhew il-kliem "the said";

Bl-ispejjez kontra l-intimandi mharrka minn issa in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament ghallinqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-

awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-munuri S J H skont id-dettami tal-**artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi preliminarjament ukoll, l-esponent jirrileva li, din l-azzjoni, stante l-fatt li ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri S J H, kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-**artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri S J H, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna;

3. Illi dejjem in vena preliminari, l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri S J H, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

4. Illi madankollu minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jehtiegilha illi tipprova l-impossibilita fizika tal-kongungiment bejnha u bejn zewgha C T H u dan tul il-perjodu li jispecifika **l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

5. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-**Artikolu 81 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri S J H ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni 1574 tas-sena 2007;

6. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, f'kaz li jigu superati l-eccezzjonijiet fuq imsemmija, l-esponenti xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri S J H, li r-rikorrenti tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-allegat missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodici Civili.** Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ha jitlef l-istat ta' iben imwieled u mnissel fiz-zwieg talanqas ghandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tieghu;

7. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghaldaqstant huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi prodottii u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri S J H *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieled nhar il-15 ta' Mejju 2007[1] twieled fiz-zwieg *stante* li l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku datat it-22 ta' Mejju 2008 fl-Atti tan-Nutar Dr. Robert Muscat u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri gie imnizzel bhala l-wild naturali tal-intimat C T H, l-istess minuri m'huwiex ibnu naturali izda l-wild naturali ta' missier mhux maghruf. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li C T H mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti b'missier mhux maghruf.

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 9 tal-process

Min-naha tieghu, l-intimat C T H ma ipprezenta ebda risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci f’dawn il-proceduri.

**Il-Verzjoni tar-Rikorrenti**

Permezz tal-affidavit taghha[2] r-rikorrenti tghid li hi u l-intimat C T H zzewgu nhar id-29 ta’ Ottubru 2004 u frott taz-zwieg taghhom twieldu zewgt ulied. Kien hemm zmien meta l-partijiet kienu jghixu gewwa l-Ingilterra b’dan li r-rikorrenti kienet tohrog wahedha. F’okkazjoni minnhom, iltaqghet ma’ ragel li ma kienitx taf u kellha relazzjoni intima mieghu. Ftit tal-gimghat wara, skopriet li kienet tqila pero’ ma kienitx certa jekk din it-tarbija kienitx ta’ dan ir-ragel li lanqas jissemma ismu jew tar-ragel taghha. Ftit tax-xhur wara t-twelid tal-minuri, l-partijiet isseparaw b’dan li wara madwar sentejn, l-intimat wera x-xewqa li jsir DNA test sabiex jaccerta ruhu dwar il-paternita’ tal-istess minuri. It-test sar u rrizulta li l-istess intimat mhuwiex il-missier naturali tal-minuri S.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m’huwiex il-wild naturali tal-intimat C T H u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f’Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta giet ippruvata.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta’ *test* xjentifiku[3] hemm indikazzjoni cara li l-intimat mhuwiex il-missier naturali tal-istess tarbija pero’ dan ma jistax jinghad b’certezza *stante* li hekk kif jisjpjega Dr. Renald Blundell permezz tax-xiehda tieghu[4], l-partijiet kienu talbu li t-test tad-DNA isir b’mod li l-partijiet ma jkunux gew verifikati u konsegwentement, biex ikun hemm konferma tal-istess test ta’ paternita’ ghall-finijiet tal-kawza odjerna, kien

[2] Esebit a fol 28 tal-process
[3] Esebit a fol 10 tal-process
[4] Ara x-xhieda tieghu datata t-23 ta’ Mejju 2012 esebita a fol 43 tal-process

necessarju li jerga' jsir it-test. Fil-fatt, fil-mori tal-kawza, t-test tad-DNA rega' sar[5], din id-darba da parti ta' Dr. Marisa Cassar li hadet l-inkarigu li tigbor il-kampjuni relattivi u kkonfermat bil-gurament taghha li l-intimat m'huwiex il-wild naturali tal-intimat C T H.

Illi ir-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri S verament mhux il-wild naturali tal-intimat C T H *stante* li permezz tal-istess test xjentifiku, l-intimat gie eskluz li huwa l-missier naturali. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li tali fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il- Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhuwiex il-wild naturali tal-intimat C T H.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li tirrelata dwar in-nuqqas da parti tal-attrici li tigi mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attrici resqet rikors datat it-13 ta' April 2012 fejn specifikament talbet lil din il-Qorti sabiex tigi mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri, liema talba giet milqugha permezz ta' digriet datat l-14 ta' Mejju 2012. Dan necessarjament ifisser li l-ewwel eccezzjoni hija naturalment survolata;

Illi dwar it-tieni eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li hija relatata mar-rekwizit li din il-kawza kellha tkun preceduta b'rikors u l-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti biex tipprocedi bl-istess kawza u dan *ai termini* tal-Artikolu 77C, l-Qorti tirrileva li din gie survolata permezz tal-istess rikors imsemmi aktar 'il fuq u cioe' dak datat it-13 ta' April 2012, liema talba giet milqugha permezz ta' digriet datat l-14 ta' Mejju 2012. Dan necessarjament ifisser li t-tieni eccezzjoni hija survolata wkoll;

[5] Ara a fol 65 tal-process

Il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjonijiet l-ohra imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li kollha jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex tissorpassa u teghleb il-presuzjonijiet legali msemmija minnu stess, kif ukoll dwar il-possibilita' li l-istess rikorrenti tindika l-persuna li tista' tkun tali missier sabiex jigi kjamat fil-kawza. Ghal dak li jirrigwarda l-presunzjonijiet legali, l-Qorti terga' taghmel referenza ghall-aqwa prova li fil-fatt giet esebita in atti u cioe' d-DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi. L-Qorti taghmel referenza ghad-DNA test esebit in atti li juri bhala stat ta' fatt li l-intimat mhuwiex il-missier naturali tal-minuri S J H u ghaldaqstant tqis li r-rikorrenti rnexxielha teghleb il-presunzjonijiet legali kollha u wriet bic-car li l-intimat, fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kien ghadu zewgha, mhux il-missier naturali tal-minuri.

Il-Qorti tirrileva wkoll li fic-cirkustanzi, stante li huwa cert anke b'mod xjentifiku li l-intimat C T H m'huwiex il-missier tal-imsemmija tarbija, huwa fl-ahjar interessi tal-istess minuri li ghall-anqas ic-certifikat tat-twelid tieghu ma jkunx jindika persuna li huwa missieru meta huwa evidenti li dan mhux. Tenut kont ta' dan u tenut kont ukoll tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn jikkontendi li l-minuri ghandu jkun jaf min hu verament missieru u li hu fl-ahjar interess tal-istess minuri li tali persuna jigi msejjah fil-kawza, jigi rilevat li dan baqa' mhux possibbli stante li r-rikorrenti tikkontendi li missier it-tarbija ma tafx min hu. Huwa ragel li ltaqghet mieghu meta kienet tghix barra minn Malta u li kellha relazzjoni intima mieghu minkejja li ma kienitx tafu. Il-Qorti m'ghandha ebda hjiel dwar min jista' jkun tali persuna u konsegwentement idejha huma marbutin fuq din il-kwistjoni u ser ikollha tordna li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jigi mibdul sabiex jindika 'missier mhux maghruf'. Dan ghaliex, minn banda gie kkonfermat bl-aktar mod assolut li l-intimat mhux il-missier tal-istess minuri, filwaqt li gie konfermat ukoll li l-missier mhux maghruf jew ahjar li r-rikorrenti m'ghandha ebda dettalji fuqu.

Illi in vista ta’ dak suespost u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta’ dubju dwar il-paternita’ tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jinghelbu l-presunzjonijiet legali tal-ligi sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri hekk kif mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimat S J H, m’huwiex iben l-intimat C T H;

(2) Tilqa’ t-tieni talba hekk kif dedotta.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------